KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 02**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tlieta, 9 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024, fl-17:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Rene Abela – Kunsillier

Assenti b'Apoloġija (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Karl Buttiġieġ - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 2.1 Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fl-17.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 2.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ kien assenti minħabba li kien imsiefer. L-Assenza tiegħu ġiet skużata mill-Kunsill.

## 2.3 Open Day fil-Librerija

Is-Sindku semma li fuq proposta għal Open Day li hu ~~rċieva~~ ddiskuta mas-Sinjura Eliżabeth Ebejer (CEO tal-Malta Libraries) issejħet din il-laqgħa sabiex tiġi diskussa fl-laqgħa tal-Kunsill. Il-ħsieb tal-Open Day hu biex aktar nippromwovu l-librerija pubblika u ninkoraġixxu l-qari. Semma li nġabbru l-kwotazzjonijiet biex isir face painting, crafts u balloon modelling, kif ukoll reading sessions fl-Open day. Is-Sindku ppropona li l-Open Day issir fil-21ta' Lulju 2024 mid-09.00 sal-13.00 minħabba li fi ġranet oħra s-Sinjura Ebejer ma setgħatx tattendi u jingħata ktieb lit-tfal li jattendu. Kien hemm qbil sabiex tinżamm l-Open Day u sabiex jingħata ktieb.

Fuq proposta tal-Kunsillier Karl Buttigieg, ġiet ippreżentata kwotazzjoni sabiex jattendi Fonzu l-Fenek għall-okkazzjoni, liema stima hija ta' €225 għal 35minuta kif ukoll kwotazzjoni għal Activity books sabiex jingħataw lit-tfal. Ma ntlaħaqx qbil minħabba li l-istima kienet ikkunsidrata għolja għal 35 minuta biss. Ittieħed vot -3 voti kontra (Sindku, Viċi Sindku u Rene Abela) u vot favur (Valerie C. Mejlak). Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak talbet li għal face painting, crafts u balloon modelling nibgħatu għal kwotazzjoni mingħand persuni mill-Qala. Għandha tibgħat id-dettalji ta' dawn il-persuni lis-Seg. Eżekuttiv. Kien hemm qbil li jinxtraw kotba għat-tfal sa massimu ta' €2.50 il-wieħed.

## 2.4 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-17.25pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt